Prim Ministru, Kap tal-Oppożizzjoni, Presidenti Emeriti, Speakers Emeriti, Onorevoli Membri, Onorevoli Membri Anzjani, Eċċellenzi, Mistednin Distinti,

Huwa dejjem tajjeb, xieraq u doveruż li nfakkru u nsellmu lil Maltin ħutna li tilfu ħajjithom fis-7 ta' Ġunju 1919. Is-*Sette Giugno* baqa' mnaqqax fil-memorja tal-Maltin għaliex kien mument ta' għaqda nazzjonali f'impenn tal-klassijiet soċjali kollha ta' dak iż-żmien biex jinkisbu d-drittijiet politiċi tal-poplu tagħna, tan-nazzjon Malti.

U kien mument fejn uħud minn ħutna ħallsu l-ogħla prezz fl-eżerċizzju tal-protesta tal-poplu fi proċess li wassal għal Kostituzzjoni Amery-Milner tal-1921. Fis-Seduta Kommemorattiva ta' Għeluq id-90 Sena mill-Ewwel Seduta tal-Assemblea Leġiżlattiva fl-1921 fis-Sala tal-Arazzi fit-2 ta' Novembru tas-sena li għaddiet tkellmu wkoll il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Kap tal-Oppożizzjoni Joseph Muscat u f'dan il-kuntest nixtieq li nagħmel riferenza għal parti minn dawk id-diskorsi llum miġburin fl-ewwel ktejjeb minn sensiela ta' pubblikazzjonijiet li l-Parlament ta' Malta nieda f'din is-sena.

B'riferenza għal Kostituzzjoni Amery-Milner u għas-sena 1921, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi qal hekk:

> "Imma dan l-isem u dan l-annu, f'din is-sena partikolari setgħu qatt ma fissru xejn kieku ma ġewx imsawra mill-għaraq, is-sagrifiċċju, il-kuraġġ u d-demm tal-Maltin u l-Għawdxin, fil-biċċa l-kbira ħaddiema, imma wkoll studenti universitarji, li ħadu sehem fil-ġrajjiet storiċi tas-*Sette Giugno* sentejn qabel l-1921, jiġifieri fl-1919, u li fihom it-Tabib Filippo Sciberras, aktar tard Sir Filippo Sciberras, kien mexxej prominenti li ppresjeda l-laqgħat ta' dik li dak iż-żmien kienet tissejjaħ l-Assemblea Nazzjonali li kristalizzat, abbozzat u nnegozjat din il-Kostituzzjoni Amery-Milner. Fl-1921 diġà kien hemm mexxejja li ħassew li m'għandhomx jikkuntentaw b'xejn inqas minn indipendenza politika sħiħa."

Fl-istess seduta, il-Kap tal-Oppożizzjoni Joseph Muscat ukoll poġġa l-Kostituzzjoni tal-1921 fil-kuntest storiku tagħha u qal hekk:

> "Il-moviment biex il-Maltin u l-Għawdxin ikollhom vuċi dejjem akbar fit-tmexxija ta' art twelidhom, kien beda minn ħafna qabel l-1921. Gużeppi Mattew Callus, Mikiel Anton Vassalli, Nicolo' Testaferrata, Camillo Sciberras, Giorgio Mitrovich, Sigismondo Savona, Fortunato Mizzi u Manwel Dimech huma lkoll mexxejja li skont it-twemmin tagħhom ħadmu fi snin diffiċli ħafna biex pajjiżna jingħata d-drittijiet li għalina llum huma mill-iktar bażiċi. Kien iżda fi Frar tal-1919 li bdiet tiltaqa' l-hekk imsejħa Assemblea Nazzjonali li qablet li titlob Kostituzzjoni ġdida u iktar liberali għal pajjiżna. Kienu l-irvellijiet ta' ħaddiema fl-estremità tal-faqar li servew bħala l-katalist biex il-Gvern kolonjali fl-aħħar jiddeċiedi li Malta jixirqilha din il-forma ta' Parlament."

Iż-żewġ mexxejja tal-gruppi politiċi fil-Parlament tagħna attwali jagħmlu sew li jħarsu lura lejn is-sagrifiċċji li għamlu ta' qabilna għaliex fuqhom ukoll, bħala l-mexxejja taż-żewġ forzi politiċi ewlenin, għalkemm mhux fuqhom biss, taqa' r-

responsabbiltà li nkunu denji ta' dawn is-sagrifiċċji li għamlu ta' qabilna fit-tmexxija tagħna llum ta' pajjiżna, tal-Parlament tagħna, u tal-Istituzzjonijiet tal-Istat Malti. Hija responsabbiltà li jien inħoss it-toqol tagħha wkoll bħala President ta' dan il-Parlament, istituzzjoni li hija tant għażiża għal kull min jemmen fid-demokrazija rappreżentattiva u pluralista riżultat ta' elezzjonijiet ħielsa fejn il-vot ta' kull ċittadin huwa espressjoni tar-rieda tal-poplu tagħna dejjem sovran skond il-Kostituzzjoni li torbotna lkoll flimkien.

Tant huwa hekk li nemmen bis-sħiħ li jkun sewwa li dan il-jum iservi wkoll ta' tifkira u ċelebrazzjoni tal-Maltin kollha li matul iż-żmenijiet ħadmu biex ikollna gvernar li jkun rappreżentattiv, anki jekk il-kunċett ta' rappreżentanza seta' kien differenti minn dak li għandna llum.

Fl-istorja millennarja tiegħu, dan il-poplu ma jafx il-bidu tal-esperjenza tiegħu rappreżentattiva għal 90 sena ilu, u issa fuqhom, minn meta nfetaħ il-Parlament Malti fl-1921. Il-Maltin, fil-mixja tagħhom fl-istorja, għaddew minn esperjenzi qishom ċaqlembuta bejn rebħiet ta' drittijiet u telfa ta' drittijiet politiċi, minn fidi ta' pajjiżhom u assikurazzjonijiet mill-Monarka tad-drittijiet politiċi tagħhom għal li jsibu ruħhom mgħotija lil ħakkiema ġodda,  firxa ta' esperjenzi li jmorru mill-Università dei Giurati, tmexxija muniċipali awtoktona medjevali sat-taqbida mdemmija biex intrebaħ lura l-pajjiż minn taħt l-awtorità barranija sabiex, għal ftit, wara l-l799 Malta għaddiet mument ta' indipendenza minn kull setgħa barranija bi tmexxija mill-Maltin għal Maltin.

Illum, fis-*Sette Giugno* rridu wkoll infakkru dak l-apiċi ta' kuxjenza u espressjoni nazzjonali li ntlaħaq bid-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Abitanti ta' Malta u Għawdex iffirmat mill-mexxejja rebbieħa tal-Maltin fl-1802. Dakinhar il-mexxejja tal-poplu Malti, f'Dikjarazzjoni ta' portata politika kbira, fl-istess waqt li volontarjament għażlu li jpoġġu l-pajjiż taħt il-protezzjoni tar-Re Brittaniku, għamlu hekk taħt il-kondizzjoni li l-istess Sovran josserva l-ftehim magħhom dwar id-drittijiet tal-Maltin. Huma stqarru hekk:

> "*Noi membri del Congresso delle Isole di Malta e Gozo e loro Dipendenze eletti per libero suffragio del Popolo durante l'assedio, per rappresentarlo nell'importante affare di assicurare I suoi native diritti e privilegi…e per I quali, quando furono usurpati, abbiamo sparso il nostro sangue per riacquistarli, e per stabilire una costituzione di Governo, che assicurerà a Noi, ed ai nostri discendenti in perpetuo la felicità della libertà, e dei diritti di una giusta legge, sotto la Protezione e Sovranità del Re di un popolo libero, Sua Maestà il Re degli stati uniti della Gran Bretagna ed Irlanda, dopo lungo e matura considerazione, facciamo la presente dichiarazione, obbligando Noi stessi, ed I nostri posteri per sempre,* ***sotto condizione, che il Nostro or riconosciuto Principe e Sovrano dovrà da parte sua adempire, e mantenere inviolata questa convenzione con Noi.***"

U komplew biex taw elenku ta' drittijiet tal-poplu, u li kellhom jorbtu wkoll lir-Renjant volontarjament magħżul, fosthom:

- li ħadd ħlief il-poplu u r-rappreżentanti tiegħu ma seta' jċedi lil Malta lil ħaddieħor għaliex huwa dritt tal-poplu li jiggverna lilu nnifsu.

- Li d-dritt ta' leġislazzjoni u tassazzjoni jappartjeni lill-Kunsill Popolari u li l-poplu ma jkunx marbut jekk ma jkunx hemm l-approvazzjoni ta' dan il-Kunsill.

- Li l-ebda bniedem ma għandu awtorità personali fuq il-ħajja, proprjetà u libertà ta' ħaddieħor. "*Il potere risiede solamente nella legge*".

Għandi s-sodisfazzjoni personali li, meta servejt ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, ħadt ħsieb li kopja ta' din id-Dikjarazzjoni tkun imnaqqxa f'irħama f'Palazzo Parisio biex kulmin jiġi jżur dak il-Ministeru jsir konxju minn dan il-mument ta' kobor tal-poplu Malti. Irrid iżda nafferma, f'dan il-jum ta' tifkira ta' qawmien nazzjonali, li t-test ta' din id-Dikjarazzjoni għandu jitwassal f'kull dar, f'kull skola, f'kull librerija, u żgur fis-*sede* l-ġdida tal-Parlament Malti għaliex dan huwa test li jixhed valuri demokratiċi u liberali dejjiema li fuqhom hemm imsejsa d-demokrazija parlamentari u l-libertajiet tagħna bħala poplu u bħala individwi.

Kemm kienet 'il bogħod din id-Dikjarazzjoni ta' Drittijiet mill-kliem miktub, għaxar snin wara, minn Lieutenant-General Hildebrand Oakes fl-1812, li "*the Maltese people were singularly unfit to enjoy any portion of political power*" jew dak ta' uffiċjal tal-Colonial Office, Walter Ellis, li ddeskriva l-għoti ta' Kostituzzjonijiet mill-poter Kolonjali bħala politika ta' "*granting Malta from time to time more or less illusory constitutions and then withdrawing them as soon as the Maltese attempted to use their power in any way which does not approve itself to us*." Fortunatament, anki fost il-kolonjalizzatur stess, mhux kulħadd kien ta' dik il-fehma!

Imma l-istorja żgur tgħallimna li d-drittijiet li tirbaħ trid tħarishom kuljum u trid tibqa' viġilanti l-ħin kollu bla waqfien biex tassigura li ma jintilfux. Din hija s-sejħa tagħna lkoll illum bħala poplu, bħala servi tad-demokrazija, bħala gwardjani tal-Istituzzjonijiet Kostituzzjonali, bħala soċjetà ċivili, bħala stampa u xandir, bħala ċittadini. F'dan il-qafas huwa dover ta' dawn kollha li jħarsu u jsaħħu dejjem aktar il-Parlament u l-figura tal-parlamentari bħala d-deputat elett mill-poplu. Kull nuqqas li dan isir ikun tabilħaqq att ta' stmerrija lejn il-valur tal-vot li ċittadin iqiegħed jew tqiegħed f'dik il-kaxxa tal-vot li minnha tiġi determinata r-rieda ħielsa tal-poplu.

F'dan il-kuntest, f'dan il-jum li huwa wkoll riflessjoni dwar l-Istituzzjoni Parlamentari ta' Malta, huwa bi pjaċir li nirrapporta numru ta' miżuri li f'din l-aħħar sena komplew taw kontribut għal tisħiħ ta' din l-istituzzjoni parlamentari u l-funzjoni tagħha f'pajjiżna:

Id-deċiżjonijiet (*rulings*) li ngħataw mill-1921 sal-1924 issa nġabru mill-Professur Ray Mangion tal-Università ta' Malta kif ikkommissjonat minni bħala Speaker u issa dan ix-xogħol ser jintbagħat għall-pubblikazzjoni li ser tiftaħ it-triq għal proċess ta' pubblikazzjoni ta' volumi, u ta' kreazjoni ta' *database*, li jkopru r-*rulings* tal-iSpeakers kollha tal-Parlament Malti mill-1921 sal-lum.

Din is-sena wkoll kelli l-pjaċir li nara li inizjattiva li nedejt is-sena l-oħra saret realtà bil-pubblikazzjoni, b'impenn sħiħ, anki finanzjarju, tal-APS Bank, 30,000 kopja tal-ktieb ta' ħidma (*workbook*) għall-istudenti tal-livell sekondarju bl-isem "Il-Parlament Malti, Kif Beda, X'Inhu u X'Jagħmel", ktieb li jittratta 90 sena ta' storja tal-Parlament Malti u jispjega kif jaħdem, u kif isib postu fil-qafas Kostituzzjonali ta'

pajjiżna. Dan qiegħed għat-tqassim mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fl-iskejjel kollha pubbliċi u privati ta' pajjiżna. Hekk uliedna jkollhom il-materjal neċessarju biex jistudjaw dwar, u jifhmu aħjar, din l-Istituzzjoni distinta li hija l-Parlament ta' Malta u jkunu jistgħu japprezzaw aktar ir-rwol tagħha bħala istituzzjoni li tirrappreżentahom u tissalvagwardja d-drittijiet tagħhom.

Din is-sena wkoll lestejna l-infrastruttura kollha biex jiġu trasmessi waqt li jkunu qed isiru, permezz tal-internet, fuq il-websajt tal-Parlament, il-*video* ta' laqgħat tal-kumitati tal-Parlament u dan bħala preparazzjoni għal trasmissjoni bl-istess mod tad-dibattiti fil-plenarja. Il-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra għad għandu quddiemu l-proposta ta' linji gwida dwar kif isiru dawn it-trasmissjonijiet, proposta li jiena poġġejt quddiem dan il-Kumitat żmien ilu u li wasal il-mument li japprovahom ħalli dan l-aħħar impediment għal trasmissjonijiet regolari ta' *video* tal-laqgħat tal-kumitati jkun superat. Diġà għamilna b'suċċess trasmissjoni bi prova. Nieħu sodisfazzjon ninnota li fil-bini tal-Parlament il-ġdid ntlaqgħet it-talba tagħna li jkun hemm l-apparat kollu stallat biex minnufih ikun jista' jsir trasmissjoni tad-dibattiti fl-awla plenarja tal-Parlament.

Din is-sena bgħattna għall-ewwel darba fl-istorja tagħna bħala Parlament ta' Malta, rappreżentant tagħna lejn l-Istituzzjonijiet Ewropej fi Brussell u b'hekk ġejna fuq l-istess livell ta' Parlamenti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea oħrajn. Din ir-rappreżentant bdiet tiffunzjona u qed tkompli ssaħħaħ, kif tassew meħtieġ, il-preżenza tal-Parlament Nazzjonali Malti fost l-Istituzzjonijiet Ewropej.

Din is-sena ġiet approvata wkoll il-proposta li għamilt lill-istess Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra biex il-Parlament Malti jistabbilixxi proċedura formali ta' skrutinju ta' proposti tal-Kummissjoni Ewropea għar-rigward tal-ħarsien tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Bis-saħħa ta' dan, u f'każ wieħed qabel ma kien hemm din l-approvazzjoni, iżda bil-ftehim ta' kulħadd, eżerċitajna għall-ewwel darba d-drittijiet li t-Trattat ta' Liżbona jirriżerva għal Parlamenti Nazzjonali għar-rigward tal-ħarsien tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Dan sar fi tliet okkażjonijiet, u l-oġġezzjoni tal-Parlament Malti twasslet lill-Istituzzjonijiet Ewropej speċifikament għar-rigward tal-:

- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata;

- Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' Taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji; u

- Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvediment ta' servizzi.

Filwaqt li fl-ewwel żewġ proposti, l-ammont ta' voti meħtieġa minn fost il-Parlamenti Nazzjonali tal-Istati Membri sabiex jitwaqqfu l-proposti separatament ma ntlaħaqx, f'dik l-iktar riċenti, l-ammont meħtieġ ta' voti ntlaħaq u nqabeż. Il-Kummissjoni Ewropea għandha dejjem tagħti widen għall-oġġezzjonijiet li jqajmu l-Parlamenti Nazzjonali tal-Istati Membri, u, fejn ikun il-każ, temenda, jew saħansitra tirtira, il-proposta tagħha.

Dan juri mhux biss li l-Parlament Nazzjonali huwa llum parti integrali mill-arkitettura deċiżjonali Ewropea, imma wkoll li l-Parlament tagħna qed jibda jkun aktar attiv fl-użu tal-poteri ġodda mogħtija lilu mit-Trattat ta' Liżbona.

Naturalment baqgħalna x'nagħmlu biex intejbu l-iskrutinju in ġenerali tal-proposti kollha li joħorġu mingħand il-Kummissjoni u biex inżidu l-komunikazzjoni bejn il-Parlament tagħna Nazzjonali u dak Ewropew kif ukoll mal-Istituzzjonijiet l-oħra Ewropej.

Saħħaħna l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi b'linji gwida dwar ix-xhieda quddiemu. Quddiem il-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra ressaqt proposta dwar kif ser nittrattaw b'mod strutturat u aktar impenjat il-petizzjonijiet popolari mressqa fil-Parlament u kif nistgħu nitgħallmu mill-esperjenzi ta' parlamenti oħrajn fosthom dak tar-Renju Unit u tal-Awstralja. Bi ħsiebni wkoll inressaq proposta biex ikun ikkonsidrat li jitwaqqaf Kumitat dwar Materji Ekonomiċi u Finanzjarji anki in vista ta' żviluppi ġodda fl-Unjoni Ewropea.

Irridu nkunu dejjem dinamiċi u nindirizzaw bżonnijiet li jiżviluppaw maż-żmien fl-organu leġiżlattiv ta' pajjiżna u fil-funzjoni tiegħu ta' dibattitu, ta' skrutinju u ta' rilevanza għal pajjiż.

Komplejna bil-programm tagħna ta' impenn mas-soċjetà ċivili kif ukoll il-programm ta' *workshops* u konferenzi dwar *issues* attwali bħal laqgħa li ospitajna s-sena li għaddiet tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Pajjiżi ż-Żgħar Ewropej, u l-konferenzi li għamilna mal-European Public Law Organisation u mal-Università Johns Hopkins flimkien mal-Euro-Med University, ma' dawn l-aħħar tnejn konferenzi li ser isiru annwalment. Din is-sena l-Parlament organizza wkoll serata kommemorattiva ta' għeluq il-50 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.

Huwa importanti li fil-ħidma tagħna ta' kuljum ma nitilfux il-viżjoni miftuħa neċessarja, li nagħtu importanza lill-isfond tal-istorja filwaqt li dejjem inħarsu 'l quddiem. Dan irridu nkomplu nagħmluh b'rispett lejn il-memorja tal-vittmi tas-*Sette Giugno*, ta' kulmin ħadem biex Malta rebħet is-sovranità tagħha u l-poplu Malti l-libertajiet tiegħu. Dan irid jixprunana biex inkunu fidili lejn il-missjoni tagħna li nżommu għoli r-reputazzjoni tal-Parlament tagħna bħala istituzzjoni kostituzzjonali.

F'dan l-isfond, hemm il-ħtieġa li nduru bis-serjetà l-ordnijiet permanenti tal-Kamra tad-Deputati biex inseddqu dejjem aktar *fair play*, biex nassiguraw li l-Parlament ma jkunx esperjenza fejn *winner takes all* u li jkun hemm salvagwardja aktar sofistikata tad-drittijiet tal-minoranza u kif jitressqu u jitqassmu l-materji għad-dibattitu filwaqt li jitħares dejjem l-ispazju li l-maġġoranza tenħtieġ biex tattwa l-programm leġiżlattiv tagħha.

Irridu nsaħħu l-ħidma li għamilna biex id-deputati jkollhom aċċess għal aktar informazzjoni billi naslu fejn kull deputat ikollu assistent dedikat għalih u għaliha u faċilitajiet u spazji neċessarji biex jaqdi u taqdi d-dmirijiet marbutin mar-responsabbiltà li toħroġ mill-fatt li tkun membru parlamentari.

Li l-Parlament Malti ser ikollu għall-ewwel darba fl-istorja tagħna d-dar tiegħu stess huwa akkwist importanti għad-demokrazija tagħna: dan joffri wkoll mument ta' opportunità biex dawn il-bidliet isiru wkoll. Dan huwa l-mument tajjeb biex il-Parlament Malti jirbaħ l-awtonomija tiegħu. Huwa insostenibbli li l-Parlament Malti għadu meqjus amministrattivament bħala dipartiment tal-Gvern anki jekk fil-prattika diġà akkwista ċertu spazju għalih.

Dar unika tal-Parlament diġà, fil-fehma tiegħi, ser twassal għal bidla radikali fil-perspettiva popolari fl-identifikazzjoni tan-natura u tar-rwol tal-Parlament fid-demokrazija tagħna. Biex nibdlu l-*mindset* tal-lum, din il-bidla fiżika tant importanti, trid tiġi riflessa wkoll fl-infrastruttura legali li tagħti lill-Parlament tagħna l-awtonomija li għandhom il-Parlamenti l-oħra kollha tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u, fost ħwejjeġ oħra, anki f'protokoll statali li jirrikonoxxi li, f'demokrazija, min hu elett jieħu dejjem preċedenza fuq min huwa nominat.

Ippermettuli li nitfa' sfida lill-forzi politiċi li mhux biss jitkellmu dwar l-awtonomija tal-Istituzzjoni Parlamentari imma li issa, jekk din ma ssirx realtà qabel, jimpenjaw ruħhom fil-programmi politiċi tagħhom li mal-ewwel opportunità f'leġiżlatura ġdida jagħtu lill-Parlament il-liġi li tistabbilixxih bħala awtonomu deċiżjonalment, finanzjarjament u fir-reklutaġġ tiegħu fl-istess mudell li diġà jeżisti għall-Uffiċċju tal-Ombusdman u tal-Awditur Ġenerali ironikament it-tnejn uffiċjali tal-Parlament imma li huma diġà awtonomi u regolati b'liġi speċifika. Din hija fil-linja li trid il-Kostituzzjoni tagħna li għażlet li tittratta dwar il-Parlament qabel ma tittratta dwar kull Istituzzjoni oħra f'rikonoxximent li din hija l-ogħla istituzzjoni f'pajjiżna.

Ilkoll flimkien aħna msejħa biex nassiguraw li l-futur għad-demokrazija tagħna jkun dejjem futur sabiħ. Għandna lkoll ikollna s-sodisfazzjon li Malta hija pajjiż li għamlet suċċess politiku u ekonomiku mis-sovranità tagħha minkejja żmenijiet diffiċli li kellna kollha ngħaddu minnhom. Żgur li l-istorja ma tatx raġun lil Lieutenant-General Hildebrand Oakes.

Sta għalina lkoll li nkomplu naħdmu flimkien fi spirtu nazzjonali biex b'għemilna u bis-suċċessi li niksbu flimkien nagħtu tassew ġieħ lill-eroj Maltin tas-*Sette Giugno* u ta' tant episodji oħra ta' qlubija u dedikazzjoni għar-*res publica* fl-istorja ta' pajjiżna.